**10 ta' Awissu, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Josephine Randon

*versus*

Dr. Victor Randon

**Separazzjoni — Kustodja tat-tfal — Art. 55, Kodiċi Ċivili.**

*Fiż-żmien li tkun miexja l-kawża għas-separazzjoni personali, ikun min ikun l-attur, ir-raġel jew il-mara, l-ulied illi jkun għalqu t-tlett snin (3) jitħallew f'idejn il-missier, u l-ulied illi ma jkunux għalqu dik l-età, jitħallew f'idejn l-omm kemm-il darba l-Qorti ma tordnax xort'oħra għall-aħjar ta' wieħed jew ieħor mill-ulied.*

*Il-ġid tat-tfal m'għandux jiġi desunt minn konsiderazzjonijiet astratti imma mill-istess riżultanzi proċesswali.*

Il-Qorti, fuq it-talba tal-attriċi għalllalimenti provviżorji għaliha u għaż-żewġ uliedha li qegħdin igħixu magħha u għall-alimonia litis, u fuq it-talba tal-konvenut biex dawn iż-żewġt itfal li qegħdin mal-attriċi ta' seba' (7) jew tmien (8) snin rispettivament ma jibqgħux igħixu magħha imma jieħu ħsiebhom huwa;

Omissis.

Tikkunsidra li qabel xejn għandha tiġi deċiża l-kwistjoni tal-kura tat-tfal għaliex ir-rata alimentarja bil-fors għandha tkun inqas jekk l-attriċi ma jkollhiex it-tfal ukoll għal min taħseb;

It-talba tal-konvenut hija bażata fuq id-dispost tal-art. 55 tal-Kodiċi Ċivili, li jiddisponi li fiż-żmien li tkun miexja l-kawża jkun min ikun l-attur, ir-raġel jew il-mara, l-ulied li jkunu għalqu t-tliet (3) snin jitħallew f'idejn il-missier, u l-ulied li ma jkunux għalqu dik l-età, jitħallew f'idejn l-omm, kemm-il darba l-Qorti ma tordnax xort'oħra għal aħjar ta' wieħed jew ieħor mill-ulied. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili in re "Dimech vs. Dimech" 12 ta' Lulju, 1930 Kollez. Vol. XXVII. P. II paġ. 285 "Evidentemente la legge ha il maggiore riguardo alla patria potestà del merito che non viene meno con una domanda contro di lui di separazione personale la parte di sua moglie ed in virtù della patria potestà spetta principalmente al padre la cura e la sorveglianza e l'abitazione dei figli" (art. 156 Ord. I 1873). Il-liġi stabilit il-prinċipju illi t-tfal ta' fuq it-tliet (3) snin għandhom fil-pendenza tal-kawża jkunu f'idejn ir-raġel u biex il-Qorti tidderoga għal dan il-prinċipju jrid jirriżulta illi għall-ġid tat-tfal għandu jsir mod ieħor. Il-ġid tat-tfal ma għandux jiġi desunt minn konsiderazzjonijiet astratti imma mill-istess riżultanzi proċesswali, jiġifieri lill-Qorti għandu jiġi dimostrat li hemm xi ċirkostanzi li mħabba fihom it-tfal ibatu jekk nonostanti li jkollhom iżjed minn tliet (3) snin ma jibqgħux mal-missier jew nonostanti li għandhom inqas minn tliet (3) snin aħjar li ma jibqgħux ma' ommhom. Ma huwiex biżżejjed però li wieħed igħid illi tfal żgħar anke fuq it-tliet (3) snin ikunu aħjar għalihom jekk joqgħodu mal-omm, indipendentement min kwalunkwe prova, għaliex allura l-Qorti tkun qegħda tissostitwixxi ruħha għall-leġislatur li seta' liberament iffissa età oħra superjuri għal tliet (3) snin. Ma huwiex kontestat illi kienet l-attriċi li telqet mid-dar konjugali u b'mod jew ieħor ħadet magħha iż-żewġt itfal iż-żgħar. Kelliex raġun jew le li titlaq mid-dar ma huwiex il-mument li l-Qorti tiddikjara għaliex dana jiddependi minn provi li għad iridu jinstemgħu imma jibqa' dejjem li konvenut għadu fil-pjenezza tal-patria potestà tiegħu u kwindi għandu d-dritt li jżomm it-tfal miegħu.

Issa x'irriżulta f'din il-kawża biex jiġġustifika lill-Qorti li itellef lill-konvenut minn dan id-dritt nonostante li huwa ma tilifx il-patria potestà? Provi l-attriċi fuq dan il-pont ma ġiebet xejn billi llimitat ruħha fix-xhieda tagħha dwar il-bżonnijiet li għandha biex tgħix. Il-provi fil-kawża l-oħra fl-istess ismijiet juru, illi l-konvenut iħobb ħafna lit-tfal u għandu grazzja speċjali għalihom illi inqas l-irġiel l-oħra ma għandhom kollha. Fit-trattazzjoni orali l-attriċi ssottomettiet illi l-konvenut ma jkunx id-dar u kwindi ma jistax jieħu ħsieb it-tfal. Għandu qabel xejn jiġi rilevat illi jissuċċedi ta' spiss li l-missier ma jkunx il-ħin kollu mat-tfal għaliex fil-parti l-kbira l-post tax-xogħol tar-raġel huwa barra mid-dar u kwindi jista' liberament jingħad illi l-leġislatur ippreveda dan il-każ ukoll meta affida l-kura tat-tfal ta' fuq it-tliet (3) snin lir-raġel anke meta ma jkunx attur. Però fil-każ partikolari rriżulta illi l-konvenut ma tantx ikun barra mid-dar, għaliex kif xehed huwa għandu prattika privata żgħira u li ma tirrikjediex li jkun barra mid-dar ħafna; il-konvenut ikkalkola illi jekk jiġbor il-ħin kollu li jkun barra mħabba x-xogħol tiegħu dana jkun ta' tliet (3) siegħat f'ġurnata. Barra minn dan għandu d-dar sef-tura fdata ta' tnejn u sittin (62) sena li kienet diġà mal-familja tiegħu u għalhekk it-tfal ma jkunux waħedhom. Inoltre l-bniet ikunu ma tul is-sena boarders mad-Dorotej u t-tifel jiekol l-iskola f'nofs inhar. Il-konvenuta għamlet riferenza għall-kawża pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell in re "Bartolo versus Bartolo" appuntata għad-dsatax (19) ta' Ottubru, 1964, u għas-sentenza mogħtija fl-ewwel istanza fit-tletin (30) ta' April, 1964 u għall-ġurisprudenza hemm ċitata. Din il-ġurisprudenza però b'ebda mod ma tmur kontra t-talba tal-konvenut għaliex tirrigwarda talba tal-missier waqt separazzjoni di fatto, b'affermazzjoni ta' prinċipju illi l-provvediment mitlub mill-missier li jieħu l-kustodja tat-tfal jippresupponi skond il-liġi jew id-domanda għas-separazzjoni personali jew l-effettwata separazzjoni tal-konjugi jew b'sentenza jew konsenswali. Dwar id-deċiżjoni l-oħra in re "Debono ver-

sus Debono" pendenti quddiem din il-Qorti u diferita għall-erbatax (14) ta' Ottubru, 1964 fil-provvediment mogħti b'dig-riet tat-tlieta (3) ta' Ġunju, 1964 ġiet użata biss il-fakoltà tal-Qorti, illi tħalli t-tifel f'idejn l-omm għalkemm kellu iżjed minn tliet (3) snin fl-użu tad-diskrezzjoni mogħtija lill-liġi u ma hemm ebda affermazzjoni ta' xi prinċipju li jmur kontra dak li ġie premess aktar 'il fuq. It-talba tal-konvenut għalhekk li jżomm anke ż-żewġt itfal l-oħra li qegħdin mal-attriċi għand-ha tiġi milqugħa.

Omissis.

Għaldaqshekk tiddeċiedi billi tiddikjara illi ż-żewġt itfal li qegħdin mal-attriċi għandhom in pendenza ta' din il-kawża jitħallew f'idejn il-konvenut u l-attriċi għandha għaldaqshekk li żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa tikkonsinjahomlu, salvo d-dritt tagħha li tieħu dawn iż-żewġt itfal flimkien jew separatament fid-dar tagħha darba fil-ġimgħa mid-disgħa ta' fil-għodu sas-sitta ta' filgħaxija fiż-żmien tal-vaganzi tas-sajf u salvo kwalunkwe provvediment ieħor li tagħti din il-Qorti għal wara dawn il-vaganzi, u salvo kwalunkwe ftehim ieħor li l-partijiet jidhrilhom li jagħmlu di comune accordo;